**Ezami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa, 28 ta' Diċembru 2005**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

I. Rikors għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet;

II. L-att meħtieġ sabiex jiġi impunjat digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li bih ġiet miċħuda talba tal-klienta tiegħek (magħmula taħt l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12) għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħha fuq talba ta' żewġha;

III. Rikors, a nom tal-klient tiegħek li kontra tiegħu hemm pendenti Att ta' Akkuża maħruġ mill-Avukat Ġenerali, sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest pendenti l-eżitu ta' appell minnu interpost minn sentenza preliminari tal-Qorti Kriminali li ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-inammissibilita` ta' diversi xhieda li kien bi ħsiebu jressaq l-Avukat Ġenerali;

IV. Rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili a nom tal-klient tiegħek - li intervjena fil-kawża *in statu et terminis* - sabiex issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju minħabba l-mewt tal-konvenut;

V. Nota ta' l-eċċezzjonijiet b'kontro-talba magħha (u bil-lista tax-xhieda u dokumenti) f'każ fejn il-klient tiegħek qed jiġi mħarrek għal danni fis-somma ta' Lm11,000 minħabba inċident awtomobilistiku.

VI. Ċitazzjoni għal separazzjoni personali fil-qorti kompetenti fejn il-klient tiegħek hija l-mara u hemm tfal minorenni.